# Ir-Rata tal-Qgħad: Awwissu 2026

NR 170/2026 | Is-Suq tax-Xogħol | Data tal-Ħruġ: **29/09/2026**





## Il-Punti ewlenin

- F'Awwissu 2026, ir-rata tal-qgħad aġġustata għall-effetti tal-istaġun kienet ta' 3.4 fil-mija.
- F'Awwissu 2026, ir-rata tal-qgħad kienet ta' 3.5 fil-mija għall-irġiel u ta' 3.3 fil-mija għan-nisa.
- Ir-rata tal-qgħad f'Awwissu 2026 għall-persuni li kellhom bejn il-15 u l-24 sena (ir-rata tal-qgħad taż-żgħażagħ) kienet ta' 9.7 fil-mija, filwaqt li dik ta' dawk bejn il-25 u l-74 sena kienet ta' 2.9 fil-mija.

---

## Il-Kummentarju

*Ir-rata tal-qgħad aġġustata għall-effetti tal-istaġun għax-xahar ta' Awwissu 2026 kienet ta' 3.4 fil-mija.*

F'Awwissu 2026, ir-rata tal-qgħad kienet ta' 3.4 fil-mija, biex b'hekk żdiedet b'0.9 punti perċentwali fuq it-2.5 fil-mija ta' Awwissu 2025 (Tabella nru 1, Ċart nru 1). Ir-rati tal-qgħad ħarġu bl-użu ta' mudell ta' valutazzjoni komparattiva li jgħaqqad id-data amministrattiva ta' Jobsplus dwar l-impjiegi u l-qgħad mad-data ta' kull tliet xhur tal-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol (LFS).

F'Awwissu 2026, ir-rata tal-qgħad kienet ta' 3.5 fil-mija għall-irġiel u ta' 3.3 fil-mija għan-nisa. Filwaqt li r-rata għall-irġiel żdiedet b'0.1 punti perċentwali mix-xahar ta' qabel, dik għan-nisa naqset b'0.1 punti perċentwali (Tabella nru 1).

Ir-rata tal-qgħad għall-persuni ta' bejn il-15 u l-24 sena (ir-rata tal-qgħad taż-żgħażagħ) laħqet id-9.7 fil-mija, filwaqt li dik għal persuni li kellhom bejn il-25 u l-74 sena kienet ta' 2.9 fil-mija (Tabella nru 1, Ċart nru 2).

F'Awwissu 2026, l-għadd ta' nies qiegħda kien ta' 11,973, biex b'hekk żdied mill-11,921 tax-xahar ta' qabel. Persuni fl-età ta' bejn il-25 u l-74 sena kellhom l-akbar sehem mil-livell kollu tal-qgħad, u li b'kollox kienu jgħoddu 9,259 persuna (77.3 fil-mija). Sadattant, l-għadd ta' persuni qiegħda fl-età ta' bejn il-15 u l-24 sena kien ta' 2,714 (22.7 fil-mija) (Tabella nru 2).

**Ċart nru 1. Ir-rata tal-qgħad tax-xahar, aġġustata għall-effetti tal-istaġun**




**Ċart nru 2. Ir-rata tal-qgħad tax-xahar, bil-gruppi tal-età, aġġustata għall-effetti tal-istaġun**




Is-Suq tax-Xogħol

**Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra**

Ix-Xogħol Irreġistrat: April 2026

L-Istħarriġ dwar il-Postijiet tax-Xogħol Vakanti (JVS): K2/2026

L-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol (LFS): K2/2026

L-Aċċidenti fuq ix-Xogħol: Jannar-Ġunju 2026

Ir-Rata tal-Qgħad: Lulju 2026

**Temi Oħra Relatati**

Is-Saħħa

**Għal mistoqsijiet ikkuntattja:**

labourmarket.nso@gov.mt

**Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:**

L-Indikaturi Magħżula